

**Biex infakkru u niftakru...**

# Meta l-Malti daħħal siequ f'żarbun ta' Kardinal

LOUIS VASSALLO

*Biex ninqata' xi ftit mir-rutina ta' kuljum xi drabi niġbed lejn belt is-skiet - l-Imdina - fejn il-minuturi ta' l-arloġġ donnhom jieħdu pass lura. Hemmhekk ħallini nserrep minn trejqa għall-oħra. Minn misraħ qadim li jwasslek fi sqaq imserrep u li mbagħad ifaqqas f'xehda ta' sqaqien, huma wkoll imfassla fuq ġisem is-serp. L-istħajjil jaħrab bik u tħossok li sirt il-kmand assolut tar-rotta li taħseb li tkun għażilt int! L-immaġinazzjoni tfassallek dawra saħħarija fejn int ma jibqalekx saħħa biex taħkimha bir-raġuni.*

### Opri ta' l-arti

Ma jingħaddux il-mawrit tiegħi fil-Katidral biex nisma' l-quddies l-aktar nhar ta' Sibt fil-għaxija, jew biex nifli u naqta' l-kurżità tiegħi dwar diversi opri ta' l-arti li jinsabu jsebbħu dan il-maqdes f' Città Notabile. U xi ngħidu dwar is-sepulkru elaborat li jiġbed tant nies nhar Ħamis ix-Xirka. Għal darba fis-sena, bis-saħħa ta' dan is-sepulkru, l-Imdina ssir bejta ta' pellegrini devoti u bħal donnok tħossok qiegħed tgħix fi żmien l-irhieb li kienu jindokraw l-Art Imqaddsa. Għax din il-belt l-antika ta' Malta, bis-swar li jdawwruha, toffri spazju urbanistiku fejn l-istil Sikulo-Normann jiltaqa' mal-Barokk fuqani u li fejn dan ta' l-aħħar iħokk max-xeħtiet Medjevali.

### Xbiha tal-bronż

Darba fost l-oħrajn kont ma' ħija Mario u hekk kif intemmet il-quddiesa li konna għadna kif ħadna sehem fiha ġewwa l-Katidral, aħna u ħerġin 'il barra, ħija ġibidli l-attenzjoni dwar monument partikolari li jinsab fuq in-naħa tal-lemin int u tħares lejn l-artal maġġur. Minn għandu kont smajt għall-ewwel darba f'ħajti, li dik ix-xbiha tal-bronż li tinsab fuq urna ta' l-irħam, tirrappreżenta lill-Kardinal Fabrizio Sceberras Testaferrata (1756-1843). B'hekk nibtet fija x-xewqa li nkun naf aktar dwar din il-persuna u dwar dak kollu li rnexxielha twettaq fil-ħajja tant attiva tul is-87 sena li għexet.

### L-uniku Kardinal

Il-familja tat-Tabib Filippo Sceberras, kienet waħda mill-eqdem familji ta' Malta. Herbert Ganado fl-ewwel volum ta' *Rajt Malta Tinbidel*, jgħidilna li fost in-numru bla qies ta' personalitajiet magħrufa li ħarġu mis-siġra ta' razztet familtu, insibu patrijotti, politiċi, anti-klerikali, mażuni, protestanti, partiġjani tal-Franċiżi, tat-Taljani u ta' l-Imperu Ingliż. U fost din it-truppa kollha kien hemm ukoll Kardinal, l-uniku Kardinal Malti fl-istorja ta' ġensna!

### Iben baruni

Il-Kardinal Fabrizio Sceberras Testaferrata[1] twieled il-Belt Valletta[2], nhar l-20 ta' April 1756. Iċ-ċkejken Fabrizio, iben il-Baruni Pasquale u Lucrezia, ħa s-sagrament tal-magħmudija fil-Parroċċa ta' San Pawl Nawfragu. Minn ċkunitu wera x-xewqa li meta jikber isir saċerdot. Meta tfarfar mar jistudja Ruma ġewwa l-Collegio Clementino. F'Ruma kien ordnat qassis u wara xi snin irritorna lejn art twelidu fejn laħaq Kanonku tal-Katidral ta' l-Imdina. Imma minħabba xi nuqqas ta' ftehim fost sħabu, iddeċieda li jerġa' jdabbar rasu lejn il-Belt Eterna ta' Ruma.

### Gvernatur

Fl-1814 il-Papa Piju VII reġa' mar lura lejn is-Saltna ta' Ruma, wara li aktar qabel kien waqa' priġunier tal-kbir Ġeneral Napuljun Bonaparte. Kien f'dan iż-żmien li l-Papa ħatar lil Sceberras bħala Isqof ta' Macerata Camerino u wara ntbagħat ukoll bħala mexxej tal-Legazzjoni ta' Macerata li magħha kienu jagħmlu wkoll Ascoli, Fermo, u Osimo fost oħrajn. Dari, il-Papa kien il-Kap tal-Gvern ta' Ruma u ta' ħafna artijiet Taljani. Kien propju għalhekk li Sceberras inħatar Gvernatur ta' erbat ibliet fil-Penisola Taljana. Fuq kollox, il-Papa Piju VII kien lemaħ fih persuna ta' kapaċità u serjetà.

### Fl-Isvizzera

Sentejn wara, il-Vatikan għażlu bħala Nunzju Appostoliku għall-Isvizzera u tah it-titlu ta' Arċisqof ta' Berito 'in partibus' bis-sede tiegħu tkun fil-belt ta' Lucerne. Imma ġara li meta kien Legat tal-Papa fl-Isvizzera, il-Franċiżi kienu kkonfiskaw il-ġid kollu tal-Knisja. B'hekk sab ruħu bla flus u kellu jitlob l-għajnuna tal-Katidral ta' Malta li min-naħa tiegħu tah prebenda (speċi ta' pensjoni speċjali) biex ikun jista' jgħix.



**Kwadru ta' l-Assunta fil-Katidral ta' Lucerne fl-Isvizzera fejn Sceberras kien Nunzju Appostoliku**



Meta fis-sena 2001 il-Baned Mostin flimkien mal-partitarju tagħhom, u li jien ukoll kont nagħmel sehem minn dan il-kontinġent ta' 100 ruħ, żorna l-Isvizzera, tajna titwila lill-belt ta' Lucerne. Belt li toffri veduti mill-isbaħ u impressjonanti. Hemmhekk bosta minnha sirna nafu dwar l-avventuri u l-isfortuni tal-Kardinal Malti, minn fomm il-President tas-Soċjetà Filarmonika Santa Marija, is-Sur Alex Vella. U ngħiduha kif inhi, kull wieħed u waħda li konna preżenti f'din il-ġita, ilkoll ħassejna ċertu sens ta' *patria*, meta tikkonsidra ċ-ċokon u l-limiti ta' pajjiżek!

### Il-jum importanti

L-aktar jum importanti ta' dan il-personaġġ Malti kien nhar is-6 ta' April 1818, meta l-Papa Piju VII ħatar lil Fabrizio Sceberras Testaferrata bħala Kardinal. Huwa kien ilu nominat segretament 'in pectore' mit-8 ta' Marzu 1816. L-investitura tal-Kardinal Sceberras saret nhar id-9 ta' April 1818. Għaċ-ċerimonja tal-ħatra kienu preżenti ħu l-Kardinal, Michele Sceberras Testaferrata, il-Prinċep Ereditarju tal-Bavarja u dinjitarji oħra.

### Kien Papabli

Il-Kardinal Malti ferħan b'dan il-ġieħ, kien irregala lill-Katidral ta' l-Imdina sett komplut ta' l-artal pontifikal mill-isbaħ, bħala turija ta' gratitudni lejn sħabu meta xi snin qabel, kien sab ruħu f'inkwiet finanzjarju. Illum dan is-sett ta' l-artal jinsab għall-wiri fil-Mużew tal-Katidral ġewwa 'Città Notabile', il-belt il-qadima ta' gżiritna. L-Arċidjaknu Mons. Apap Bologna, li fi żmienu kien midħla sew ta' dak li kien qed iseħħ f'Ruma, kien qal lil Herbert Ganado illi l-Kardinal Sceberras kien Papabli u għal ftit ma sarx Papa. Kieku ġara hekk kien ikollna Papa Malti. Imma kieku u kien qatt ma qagħdu flimkien, jgħidu x-xjuħ!



*Monument sabiħ fil-Katidral ta' l-Imdina li jfakkar lill-Kardinal Sceberras*

### Benefiċċji

Barra minn dan kollu, il-Kardinal Sceberras Testaferrata kien laħaq ukoll Isqof ta' Senegallia, fejn kien wisq maħbub miċ-ċittadini ta' din il-belt Taljana. Kien wettaq bosta benefiċċji fis-sede tiegħu u li għadhom iġibu ismu sal-lum. Fost oħrajn, ħa ħsieb iqassam għadd ta' kotba għal-librerija tal-Kurja, bi spejjeż personali rnexxielu jiftaħ Seminarju, iwaqqaf kunvent tas-sorijiet u jibni orfanatrofju għax-xebbiet.

### Qabar imfarrak

Dan il-Kardinal miet nhar it-3 ta' Awissu 1843 u jinsab midfun fil-Kappella tat-Tama fid-Duomo ta' Senegallia. Fil-fatt din il-kappella kienet inbniet minn flus il-Kardinal innifsu. B'xorti ħażina, il-qabar tiegħu ġie mfarrak matul it-Tieni Gwerra Dinjija, meta f'attakk qalil mill-ajru kienet intlaqtet il-Kappella tat-Tama. Fil-belt ta' Senegallia tinsab triq imsemmija għalih, biex il-poplu jibqa' jiftakar fil-ġid spiritwali u fl-għajnuna umanitarja li ħadem u stinka għaliham dan il-Malti ta' ħila u żelu kbir.

### Tifkira u ġieħ

Meta f'pajjiżna waslet l-aħbar tal-mewt tiegħu, il-Kapitlu tal-Katidral ħaseb biex fi żmien qasir iwaqqaf monument xieraq fil-Katidral ta' l-Imdina, għat-tifkira u l-ġieħ li jistħoqqlu. Għalhekk, meta xi darba jew oħra, ifettlilna nżura l-Katidral bi storja twila imxebilka miegħu, ikun sewwa u xieraq li nersqu lejn dan il-mafkar li qed jaqdi missjoni importanti. Dik li jibqa' jfakkar għal dejjem lill-uniku Kardinal Malti li għaldaqsxejn ma laħaqx Papa wkoll!

[1] Dan il-Kardinal kien jiġi ħu n-nobbli Camillo Sceberras li kien edukat fi Franza u għal bosta snin kien favur il-Franċiżi. Camillo Sceberras ħa sehem mill-aktar attiv fl-istorja politika ta' Malta.

[2] Xi snin ilu, kien hawn min ħaseb li dan il-Kardinal twieled il-Birgu. Tant hu hekk li f'din il-belt, Vittoriosa, insibu triq imsemmija għalih - Triq il-Kardinal.


Kotba konsultati

Galea, J. (1984): *Art Twelidi*, PEG, Malta.

Inguanez, J. (2000): *Ġrajjiet Malta fl-Imgħoddi*, PIN, Malta.

Ganado, H. (1977): *Rajt Malta Tinbidel*, Vol.I, Malta.



*Ħajr lis-Sur Tony Terribile għat-tagħrif utli li għoġbu jgħarrafni bih.*